# Moderaturi u Kelliema

**Agius, Emmanuel** huwa d-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija u Professur tat-Teoloġija Morali. Ordnat saċerdot fl-1981, Agius kompla l-istudji tiegħu fl-Università Kattolika ta' Leuven, fil-Belġju, fl-Università ta' Tubingen, fil-Ġermanja u aktar tard f'Georgetown University, Washington, D.C. u University of Notre Dame, Indiana. Huwa membru tal-*European Group of Ethics in Science and New Technologies* tal-Kummissjoni Ewropea.

**Agius, Roderick** huwa għalliem u *School Counsellor.* Għandu MA fil-*Public Policy* u mpenjat fil-NGDOs sa mill-1988. Kien membru attiv fit-*Third World Group* u membru-fundatur tal-Koperattiva Kummerċ Ġust u Kopin. Fil-preżent, huwa l-President tal-Kummissjoni għall-Ġustizzja u Paċi tal-Arċidjoċesi ta' Malta, kif ukoll membru fil-Kumitat Eżekuttiv tal-Konferenza Ewropea għall-Ġustizzja u l-Paċi. Huwa wkoll is-Segretarju Ġenerali ta' SKOP – *platform* nazzjonali tal-NGDOs.

**Berry, John** huwa Lettur tat-Teoloġija Fundamentali u Dommatika fl-Università ta' Malta. Ordnat saċerdot fl-2003, Berry studja fl-Università Pontifiċja Gregorjana, kif ukoll fl-Università Kattolika ta' Leuven, fil-Belġju. Huwa Editur tal-*Melita Theologica*, iċ-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Librerija tas-

Seminarju u tal-Fondazzjoni għall-Istudji Teoloġiċi, Segretarju tal-Kummissjoni għad-Djalogu Inter-reliġjuż, membru fil-Kummissjoni Teoloġika Interdjoċesana, kif ukoll reviżur tal-edizzjoni ġdida bil-Malti tal-Katekiżmu tal-Knisja.

**Bonnici, Jimmy** huwa r-Rettur tas-Seminarju. Ordnat saċerdot fl-1998, Bonniċi studja Ruma fejn kiseb il-Liċenzjat u d-Dottorat fl-Ispiritwalità Teoloġika fl-Istitut Interdixxiplinari għall-formaturi tas-Seminarji fi ħdan l-Università Gregorjana. Kiseb id-dottorat fl-2004 b'teżi dwar id-djarju spiritwali ta' San Ġwann XXIII.

**Borg, Joe** huwa Lettur Anzjan tal-Komunikazzjoni fl-Università ta' Malta u Editur tal-istazzjon *Campus FM*. Ordnat saċerdot fl-1977, Borġ kien id-Delegat tal-Arċisqof għall-Komunikazzjoni Soċjali, Responsabbli mill-*Press Office* tal-Arċidjoċesi ta' Malta, Fundatur ta' Radju RTK, il-*Media Centre* u IL-ĠENS. Huwa fassal il-*media policy* kemm tal-Arċidjoċesi ta' Malta "Il-wiċċ diġitali tal-Mulej" (2009) kif ukoll tal-Gvern Malta "Il-Politika Nazzjonali dwar ix-Xandir" (2004). Huwa studja t-Teologija fl-Università ta' Malta u l-istudji tal-kommunikazzjoni f'*Concordia University*, fil-Kanada u fl-Università ta' Bolton fl-Ingilterra fejn kiseb il-PhD.

**Cachia, Mark** huwa Ġizwita u Direttur tal-*Jesuit Centre for Faith and Justice*. Jaħdem ukoll mal-*Jesuit Refugee Service* (Malta). Ordnat saċerdot fl-2012, Cachia studja t-Teoloġija Morali fl-Università Pontifiċja ta' Comillas f'Madrid. Qed jgħin ukoll fiċ-*Chaplaincy* tal-Università, u huwa wkoll responsabbli mill-kors dwar it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja mogħti fl-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

**Camilleri, René** huwa l-Vigarju Episkopali għall-Evanġelizzazzjoni, kif ukoll Lettur Anzjan tat-Teoloġija Fundamentali u Dommatika fl-Università ta' Malta. Ordnat saċerdot fl-1979, huwa kompla l-istudji tiegħi fl-Università Pontifiċja Gregorjana b'teżi dwar is-*Sensus fidei* tal-Poplu ta' Alla. Analiżi storika u ekkleżjoloġika mill-Vatikan I sa Vatikan II.

**Camilleri, Ronald** huwa accountant u għandu Masters fl-ippjanar u l-immaniġġjar tal-Ambjent. Huwa wkoll organista u għandu diploma fil-Mużika. Ħadem fis-settur pubbliku u fis-settur privat. Ħadem ma' żewġ kumpaniji ta' awdituri f'Malta u Londra. Għal sitt snin kien jieħu ħsieb riċerka li ssir kull sena dwar l-investiment barrani f'Malta. Huwa ħadem ħafna fl-oqsma tal-ippjanar tal-art u xejriet ambjentali. Għal 17-il sena kien membru taċ-Ċentru Fidi u Ġustizzja tal-Ġiżwiti. Illum huwa membru tal-Kummissjoni Interdjoċesana dwar l-Ambjent.

**Caruana Dingli, Petra** hija Lettur Anzjan fl-Università ta' Malta f'*Edward de Bono Institute for the Design and Development of Thinking.* Tgħallem ukoll il-letteratura mal-*International Institute for Baroque Studies* u mal-Fakultà tal-Arti fl-istess università. Kisbet id-Dottorat mill-Università ta' Oxford. Kienet Direttur għall-ħarsien tal-ambjent mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar mill-2011 sal-2013, Direttur tal-*British Council* f'Malta, kif ukoll Direttur u President Eżekuttiv tal-NGO *Din l-Art Ħelwa.* Serviet f'diversi bordijiet u kumitati.

**Dimech, Pauline** hija Lettur fl-Università ta' Malta u membru tas-Soċjetà tal-MUSEUM. Kisbet id-dottorat mill-Università ta' Durham fl-Ingilterra dwar l-awtorità tal-qaddisin fil-kitbiet ta' Hans Urs von Balthasar. Għal diversi snin għallmet l-Ingliż

u r-Reliġjon kif ukoll kienet involuta f'diversi kumitati u kummissjonijiet fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta. Hija membru fil-Bord tad-*Discern Institute,* kif ukoll fil-Kummissjoni Teoloġika Interdjoċesana.

**Ellul, Joseph** huwa Patri Dumnikan u Lettur fl-Universitajiet ta' Malta u ta' San Tumas t'Akwinu f'Ruma. Huwa Delegat tal-Arċisqof għad-djalogu bejn l-Insara u l-Musulmani. Bejn l-2007 u l-2013 Fr Ellul serva bħala Konsultur għall-Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu Inter-reliġjuż. Fl-2011 inħatar President tal-Kummissjoni għad-Djalogu Inter-reliġjuż fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta. Bejn l-2005 u l-2009 kien membru fil-kumitat għar-relazzjonijiet mal-Musulmani tal-Kunsill tal-Konferenzi episkopali Ewropej. Bejn 1988-1993, kien il-Fundatur u l-Editur tar-rivista reliġjuża u kulturali KNISJA 2000.

**Fsadni, Ranier** huwa Assistent Lettur fl-Antropoloġija b'interess fil-Mediterran u d-dinja kontemporanja Għarbija u l-Iżlam, fost oħrajn. Hu kien Direttur fil-*European Commission-League of Arab States Liaison Office*, fejn illum huwa a*dviser*. Bejn l-2006 u l-2012, kien membru tal- *European Commission's Member States Expert Group on Maritime Policy*, filwaqt li bejn l-2009 u l-2012, kien membru tal-*Working Group for an Integrated Maritime Policy in the Mediterranean*.

**Galea, Andrew** huwa Patri tal-Ordni Franġiskan Konventwali. Ordna saċerdot fl-2011. Wara l-istudji fl-Università ta' Malta, studja fis-Serafikum f'Ruma. Speċjalizza fil-Kateketika u l-Evanġelizzazzjoni mill-Università Pontifiċja Sależjana f'Ruma. Fil-preżent huwa qed jagħti s-servizz liturġiku u pastorali fil-Parroċċa tal-Qawra (Buġibba).

**Mifsud, Noel** huwa gradwat bħala għalliem. Fl-1995 ingħaqad mal-*Youth Fellowship* fejn kellu diversi esperjenzi ta' Evangelizzazzjoni ma' żgħażagħ f'Malta kif ukoll barra. Preżentament huwa wieħed mil-*leaders* tal-komunità *Cenacolo* li hi responsabbli mill-*Youth Fellowship* u l-formazzjoni tal-membri tagħha. Fl-2001 kien wieħed mill-ewwel voluntiera li waqfu mix-xogħol sekulari biex jingħataw *full-time* għal ACTS, il-proġett ta' Evanġelizzazzjoni fl-iskejjel sekondarji. Bħalissa huwa l-koordinatur tal-istess proġett, li jinkludi wkoll ACTS Teens, inizjattiva ta' formazzjoni Nisranija fost l-adoloxxenti. Miżżewweġ lil Ann Marie u għandhom tliet itfal, Luke, Sara u Mark.

**Pace, Paul** huwa d-Direttur taċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali u Riċerka u Professur tal-edukazzjoni fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, fl-Università ta' Malta. Fost karigi oħra, huwa ċ-*Chairperson* tan-*National Strategy for Education for Sustainable Development*, il-Fundatur tal-*Malta Association of Environmental Educators*, kif ukoll il-Koordinatur Nazzjonali ta' EkoSkola għal *Nature Trust* (Malta). Huwa wkoll il-Viċi-*chairperson* tal-Kummissjoni Interdjoċesana għall-Ambjent fi ħdan il-Knisja f'Malta.

**Vella, Anna** hi tabiba u lajka impenjata fil-Knisja. Iggradwat fil-mediċina fl-1992. Vella taħdem fis-*Substance Misuse Out Patients Unit*. Hi ukoll *Visiting Lecturer* fl-Università ta' Malta mal-Fakultajiet tal-Liġi, il-Mediċina, l-Edukazzjoni, il-*Wellbeing* u x-Xjenzi tas-Saħħa. Fil-preżent qed tkompli l-istudji tad-dottorat mal-King's College ta' Londra dwar *The Effects of Maternal Opioids on the unborn child from 0 to 3 years.*